# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru. 2764

**Kaz Nru. 3663/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Emanuel Cordina (KI Numru 8888G)**

**u**

**Zenith Malta Division Ltd (C 79759)**

***(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).***

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Emanuwl Cordina li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-18 ta' Lulju, 2018. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-rikorrenti kien assistit mis-Sur Ramon Francalanza Segretarju tat-Taqsima tal-UHM u mill-Avv. Andrew Grima u ghas-socjeta ntimata deher is-Sur Dino Fenech li kien assistit mill-Avv. Paul Gonzi u mill-Avv. Michael Aguis.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li kien ingaggat mis-socjeta JF Services Ltd bhala cleaner fuq bazi full time taht kuntratt indefenit mit-13 ta' Ottubru, 2014 u maz-zmien huwa kien ukoll inghata l-inkarigu ta' Supervisor.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll li f'Gunju, 2017 kien hemm trasferiment tan-negozju mis-socjeta JF Services Ltd lil Zenith Malta Division Ltd. Huwa jghid ukoll, li dejjem qeda dmiru tajjeb u dejjem mexa skond l-istruzzjonijiet tas-superjuri tieghu u l-imgieba tieghu kienet wahda ezemplari.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid li fit-22 ta' Mejju, 2018 ircieva twissija li ma kienx qed jistenna u gie akkuzat li kien abbuza mis-sick leave ghax fit-2 ta' Mejju, 2018 huwa rraporta sick u meta mar it-tabib tas-socjeta ma sabux id-dar. Huwa jghid ukoll, li kien kkontesta din it-twissija izda baqa minghajr ma nghata sodisfazzjon.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li wara dan il-kaz il-managment harieglu termination letter datat 22 ta' Mejju, 2018. Huwa wkoll li l-ittra kienet tghid, li telaq mill-post tax-xoghol minghjar l-awtorizazzjoni tal-management u ghaldaqstant gie meqjus li kien assenti mix-xoghol minghajr gustifikazzjoni.**

**Ir-rikorrenti jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li t-trattament li gie moghti lilu mis-socjeta kien ingust u t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu sar bi ksur tal-ligi.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li x-xoghol taghha hu li taghti servizz lill klijenti fil-qasam tat-tindif u l-manutenzjoni. Hija tghid ukoll, li r-rikorrent ma kienx impjegat ezemplari u kien ircieva l-ewwel twissija fit-2 ta' Jannar, 2018 ghar-raguni li ma kienx mar ghax-xoghol fit-28 ta' Dicembru, 2017 minghajr ma kien avza lill hadd u minghajr ma kien ta' l-ebda spjegazzjoni.**

**Is-socjeta tghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz taghha, li wara dan l-kaz ir-rikorrent kien hedded lil Dino Fenech u b'konsegwenza ta' dan kellu jidhol l-isptar b'ugieh f'sidru. Is-socjeta tghid ukoll, li dan il-kaz waqaf hemm wara li r-rikorrent kien talab skuza lil Dino Fenech.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li r-rikorrenti gie moghti twissija ohra fit-22 ta' Mejju, 2018 meta fit-3 ta' Mejju, 2018 huwa rraporta sick u meta mar t-tabib tas-socjeta ma sabux id-dar. Is-socjeta tghid ukoll, li meta t-tabib rega ntbaghat biex jezamina lir-rikorrent ghalkemm huwa kien id-dar pero kull ma kellu kien grif u minor abrasion u ghaldaqstant ma kien hemm xejn serju li ma setghax jirraporta ghax-xoghol.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li ta' min isemmi li l-granet li r-rikorrent kien qal li ma jiflahx kienu l-istess granet li kien applika l-leave ghalih imma dawn il-granet ma kienux gew approvati minhabba esigenzi tax-xoghol.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li fit-22 ta' Mejju sehh argument bejn ir-rikorrent u mpjegata ohra tas-socjeta rigward hinijiet ta' break fejn minhabba l-azzjonijiet taghhom thallew wards minghajr ebda prezenza ta' impjiegati. Is-socjeta tghid ukoll, li ghal l'imgieba taghhom kemm ir-rikorrent kif ukoll l-impjegata l-ohra gew moghtija twissija u li wara dan l-incident gie tterminat l-impieg tar-rikorrent permezz ta ittra datata 24 ta' Mejju, 2018.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li nvista tas-suewpost is-socjeta ntimata tirrespengi bis-sahha kollha u fl'intier taghhom l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi t-tkeccija saret ghall-raguni gusta u sufficjenti mhux bi ksur tal-ligi u nvista ta' dan it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl'ispejjez kontra tieghu.**

**Mill-provi jirrizulta li r-rikorrent kien jahdem bhala cleaner mas-socjeta ntimata u l-impieg tieghu gie tterminat permezz ta' ittra datata 24 ta' Mejju, 2018 li kienet tghid "The management of Zenith Malta Division Limited (the company) have again become aware of a breach in your**

**terms of employment with the company. On the 22nd May, 2018, you have once again left your place of work without any management authority. We consider this as unjustified absence from work.**

**In view of this and previous breaches of your employment agreement, all of which have been formally notified to yourself, kindly be informed that the company is hereby terminating your contract of employment with immediate effect"**

**Ir-rikorrent fix-xhieda tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali spjega t-tlett incidenti li wasslu biex is-socjeta tiehu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu. Fix-xhieda tieghu tat-12 ta' Novembru, 2020 huwa jispjega li dwar l-ewwel incident il-haddiema kienu awtorizzati mill-management li setghu jbiddlu ix-shift ma kollegi ohra u kull ma kien jinhtieg huwa li jimlew formola sabiex il-management ikun jaf min biddel ix-shift.**

**Ir-rikorrenti jghid li kien biddel ix-shift ma Pauline Grima imma hi ma dahlitx ghax-xoghol u ghal l' imgiebha taghha wehel hu.**

**Ir-rikorrenti jispjega wkoll dwar il-kaz ta' meta kien sick. Ir-rikorrenti jghid li meta kien sick huwa nforma lill management u peress li ma kienitx l-uzanza li l-kumpanija tibghat it-tabib huwa mar ghand it-tabib**

**tieghu. Ir-rikorrenti jghid, li meta mar it-tabib tal-kumpanija d-dar tieghu ma sabux hemm ghax hu kien ghand it-tabib tieghu.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jispjega dwar it-tielet kaz li kien jinvolvi haddiema ohra li kienet ta' nazzjonalita Taljana. Fix-xhieda tieghu huwa jghid, li fis-sala jkunu zewg haddiema u jiddeciedu min ha jiehu l-ewwel break jew it-tieni break. Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li peress li ma kienx jifhem bit-Taljanipprova jispjega daqxejn bl'Ingliz fejn qallha ha johrog it-tieni break u hi hasbet li kien qallha li hi kellha tohrog bit-tieni break u spicca li hargu t-tnejn bil-break.**

**Mill-provi jirrizulta li kien wara dan il-kaz li s-socjeta tterminat l-impieg tar-rikorrent.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjonijiet meta jezamina l-ittri ta' twissijiet li nhargu fil-konfront tar-rikorrent ma kienux ittri li nhargu b'forma ta' "Charge" li jakkuzaw lir-rikorrent bin-nuqqasijiet tieghu, imma kienu ittri ta' twissijiet minghajr ma r-rikorrent gie mghoti l-opportunita li b'mod xieraq jiddefendi l-allegazzjonijiet li jkunu qed isiru fil-konfront tieghu.**

**It-Tribunal Industrijali f'diversi decizjonijiet li ta' kemm il-darba sahaq li meta fl'opinjoni tas-sid il-haddiem ikun naqas minn dmirijiethu u jkun jirrikjedi li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu, is-sid ghandu jinforma lil haddiem involut bil-miktub x'kienu n-nuqqasijiet tieghu u jghatih l-opportunita li jiddefendi l-allegazzjonijiet li jkunu saru fil-konfront tieghu biex b'hekk il-haddiem ikun f'qaghda li jiddefendi l-kaz tieghu.**

**Ghaldaqstant, is-sid ghandu johrog att ta' akkuza "Charge" fil-konfront tal-haddiem u jghatih data u hin ta' meta se jkun se jinstema l-kaz ta' dixxiplina fil-konfront tieghu. Il-haddiem ghandu wkoll jinghata l-opportunita li jtella xhieda kif ukoll jekk ikun irid ikollu l-assistenza ta' persuna ta' l-ghazla tieghu.**

**Miill-provi li gew imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li fl'ebda stadju tal-kaz is-sid ma ta' l-opportunita lir-rikorrent li b'modd xieraq jiddefendi l-kaz tieghu.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjoniiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzjoni, li r-rikorrenti ma giex moghti l-opportunita li b'modd xieraq jiddefendi l-kaz**

**tieghu u ghaldaqstant dan it-Tribunal Industrijali jiddecied li t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet ingusta u saret bi ksur tal-ligi.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li r-rikorrenti ghandu jigi moghti kumpens ta' €4,200 (erbgha t'elef u mitejn euro) liema kumpens ghandu jithallas minn Zenith Malta Division Ltd (C79759) fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Is-sur Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Illum : 30 ta' Settembru, 2021**

**Data __________________**